**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru: 20/2020BS**

**Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited, ġià magħrufa bħala DJ Mechanical Labour Services Limited (numru ta' reġistrazzjoni 10548921); u Farida's Indian Cuisine Limited (C91853) għal kull interess li jista' jkollha**

**-vs-**

**John Bezzina Catering Company Limited (C17154)**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited, ġià magħrufa bħala DJ Mechanical Labour Services Limited (numru ta' reġistrazzjoni 10548921); u Farida's Indian Cuisine Limited (C91853) għal kull interess li jista' jkollha ppreżentat u maħluf minn Darren Jordan fl-10 ta' Marzu 2020 illi ppremetta:**

1. Illi permezz ta' konvenju illi ġie ffirmat fit-23 ta' Settembru 2017 is-soċjetà intimata wiegħdet u obbligat ruħha illi tbiegħ u tittrasferixxi a favur tas-soċjetà attriċi DJ Mechanical Labour Services Limited (illum magħrufa bħala Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited), illi da parti tagħha aċċettat illi tixtri u takkwista l-fond internament immarkat numru tnejn (2) formanti parti mill-kumpless numru ħdax (11) fi Triq id-Duluri, Marsalforn, limiti Zebbuġ, Għawdex, mingħajr l-arja tiegħu iżda inkluż kamra li tinsab fil-livell ta' basement; konfinanti Nofsinhar ma' Triq id-Duluri, Marsalforn, Punent ma' trejqa bla isem u Lvant ma' blokk appartamenti proprjetà ta' terzi injoti;

2. Illi dan il-konvenju ġie debitament reġistrat u estiż diversi drabi;

3. Illi r-rikorrenti għamlu diversi ħlasijiet akkont l-prezz tal-bejgħ, liema ħlas ilaħħaq l-ammont ta' tnejn u disgħin elf mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€92,125);

4. Illi l-konvenju u l-proprjetà fuq imsemmija jiffurmaw l-oġġett ta' promessa ta' ċessjoni li ġiet iffirmata bejn ir-rikorrenti Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited) fuq naħa u Farida's Indian Cuisine Limited fuq in-naħa l-oħra;

5. Illi dan il-konvenju tat-23 ta' Settembru 2017 skada fit-23 ta' Settembru 2019, u l-ebda waħda mill-partijiet ma proċediet b'kawża sabiex tesegwixxi l-istess;

6. Illi konsegwentement, ladarba l-imsemmi konvenju skada, allura kull parti rrivertiet għall-*istatus quo ante* tagħha;

7. Illi l-atturi kienu fl-impossibilità fiżika illi jieħdu dawn il-passi preċedentement u dana in vista tal-fatt illi s-soċjetà attriċi Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited) ġiet xolta fl-Ingilterra fejn din kienet tinsab inkorporata u reġistrata;

8. Illi minkejja dan, l-effetti ta' tali xoljiment ġew illum il-ġurnata azzerati u l-istess soċjetà reġgħet ġiet imqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji b'effett retroattiv b'tali mod illi l-atti kollha magħmula minnha anke matul iż-żmien li hija kienet xolta xorta għandhom jorbtuha u jistgħu llum jiġu esegwiti;

9. Illi s-soċjetajiet attriċi ffirmaw ukoll u għal kull buon fini dokument li bis-saħħa tiegħu temmew il-promessa ta' ċessjoni li ġiet iffirmata bejniethom;

10. Illi s-soċjetà konvenuta hija għalhekk debitriċi fil-konfront tas-soċjetà attriċi Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited) fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€ 92,125) rappreżentanti rifużjoni ta' ħlasijiet magħmula a favur tas-soċjetà konvenuta akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija; oltre l-imgħaxx fuq l-istess;

11. Illi minkejja li ġiet debitament interpellata sabiex tirregola l-pożizzjoni tagħha, il-konvenuta baqgħet inadempjenti;

12. Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut lis-soċjetà attriċi Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited);

13. Illi l-konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq għal din it-talba;

14. Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment;

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 *et sec* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi fil-konfront tas-soċjetà attriċi Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited) fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€ 92,125) kif fuq spjegat; oltre l-imgħaxx mid-data ta' kull pagament relattiv sad-data tal-effettiv pagament;

3) Tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited (ġià DJ Mechanical Labour Services Limited) l-ammont ta' tnejn u disgħin elf mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€92,125); oltre l-imgħaxx mid-data ta' kull pagament relattiv sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 136/2020 tas-6 ta' Marzu 2020, u tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat t'Inibizzjoni fl-istess ismijiet li qed jiġu preżentati hawn kontestwalment; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi l-konvenuta għaliha minn issa hija inġunta.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' John Bezzina Catering Company Limited (C17154) ippreżentata u maħlufa minn Anna Cordina Costa fil-05 ta' Novembru 2020 fejn tikkonferma:**

1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, qed tiġi eċċepita l-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan stante li s-soċjetà rikorrenti hija soċjetà Ingliża u m'għandha l-ebda konnessjoni ma' dawn il-Gżejjer u għalhekk il-ġurisdizzjoni ta' din il-materja għandha tkun tal-Qrati Inglizi;

2. Illi di più mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li it-trasfermiment u l-assenjazzjoni li allegatament saret mis-soċjetà DJ Mechanical Services Limited lil Farida's Indian Cuisine Limited, saru f'perjodu meta s-soċjetà kienet xjolta u għalhekk konsegwentement is-soċjetà attriċi hija preklua milli tipproċedi permezz ta' din l-azzjoni;

3. Illi di più hekk kif sejjer jirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża, wara li l-kumpannija kienet fil-fatt xolta, l-istess Darren Jordan kien assenja d-drittijiet lis-soċjetà attriċi Farida's Indian Cuisine Limited, ħaġa li ma setax jagħmel u dan biss f'tentattiv estrem li jipprova jsalva dak li ma kienx salvabbli;

4. Illi fil-mertu wkoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kien minħabba nuqqasijiet gravi da parti tas-soċjetà attriċi u tal-istess Darren Jordan li l-kuntratt finali ma sarx u dan meta l-istess soċjetà esponenti kienet lesta li tersaq għall-kuntratt finali, iżda minħabba n-nuqqas ta' dehra tas-soċjetà attriċi, dan ma seħħx;

5. Illi barra minn hekk l-ammont reklamat skont it-talbiet attriċi mhux korrett u dan hekk kif sejjer jiġi ppruvat waqt il-kors ta' dawn il-proċeduri;

6. Illi konsegwentement it-talbiet attriċi huma kollha mingħajr ebda bażi legali u fattwali u għandhom jiġu miċħuda in toto;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2020 fejn din il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 32/2019BS fl-ismijiet "Farida's Indian Cuisine Limited u DJ Mechanical Labour Services Limited għal kull interess li jista' jkollha vs John Bezzina Catering Company Limited" kif ukoll il-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 14/2020SG fl-ismijiet "Darren Jordan Mechanical Labour Services Limited ġià magħrufa bħala DJ Mechanical Labour Services u Farida's Indian Cuisine għal kull interess li jista' jkollha vs John Bezzina Catering Company Limited'';

Semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet jittrataw fuq l-eċċezzjonijiet preliminari waqt l-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2021;

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Ġunju 2021 fejn ħalliet tħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari għas-seduta tal-llum;

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż l-atti allegati;

**Ikkunsidrat.**

**Fatti**

Din hija kawża istitwita mis-soċjetà attriċi fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lis-soċjetà konvenuta debitriċi tagħha fis-somma ta' tnejn u disgħin elf, mija ħamsa u għoxrin ewro (€ 92,125) u tordnalha tħallasha lura l-ammont imsemmi. L-attriċi tikkontendi li dan l-ammont pretiż huwa l-ammont li tħallas mis-soċjetà attriċi versu l-konvenuta, f'pagamenti rateali u li kien ħlas akkont ta prezz miftiehem wara li gie iffirmat konvenju fit-23 ta' Settembru, 2017 fejn is-soċjetà konvenuta wiegħdet li tbiegħ lis-soċjetà attriċi li da parti tagħha aċċettat li tixtri, il-fond ġewwa Triq id-Duluri, Marsalforn, iż-Żebbuġ, Għawdex.

Minn naħa tagħha is-soċjetà konvenuta tilqa' għal dawn it-talbiet billi l-ewwel teċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Tgħid ukoll illi Darren Jordan ma setax jassenja d-drittijiet tas-soċjetà DJ Mechanical Services Limited lil Farida's Indian Cuisine Limited billi meta seħħ l-assenjazzjoni il-kumpanija DJ Mechanical Services Limited kienet diġà xolta. Tkompli tgħid li fi kwalunkwe każ il-kuntratt finali ma sarx minħabba nuqqasijiet imputabbli lis-soċjetà attriċi u mhux tort tas-soċjetà konvenuta. Di più l-ammont reklamat ma hux korrett.

Din il-Qorti f'dan l-istadju ser titratta **biss** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta.

Fil-kors tat-trattazzjoni, is-soċjetà intimata affermat illi din il-Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni illi tisma' din il-kawża billi skont hi, s-soċjetà attriċi hija soċjetà ingliża u ma għandha ebda konnessjoni ma dawn il-gżejjer. Skont is-soċjetà konvenuta huma l-qrati ingliżi illi għandhom ġurisdizzjoni fil-kaz odjern. L-istess konvenuta tkompli tinsisti illi s-soċjetà attriċi kienet ġiet xolta skont rekords fl-Ingilterra. Tkompli tgħid illi l-parir legali esebit fl-atti minn avukat fl-Ingilterra ma jistax jikkundizzjona l-hsibijiet ta din il-Qorti u dan wisq anqas meta wara l-istralc, kien hemm ordni ta restawrazzjoni liema ordni turi ċar illi l-kumpanija attriċi ġiet irxuxtata biss sabiex tkun f'pozizzjoni takkwista il-propjetà mertu tal-konvenju. Tgħid illi però li l-konvenju kien diġà skada.

Is-soċjetà attriċi da parti tagħha tgħid illi l-eċċezzjoni illi għandha quddiemha din il-Qorti hija wahda li tirrigwarda il-ġurisdizzjoni u mhux il-*locus standi* tas-soċjetà attriċi jew dwar il-kompetenza tal-Qorti. Tisħaq illi l-liġi tiddistingwi bejn il-kompetenza u ġurisdizzjoni u *locus standi* u dawn ma jistgħux jintefgħu f'qoffa wahda kif qed tagħmel is-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta hija wahda ċara – dik ta nuqqas ta ġurisdizzjoni tal-qorti. Dan ifisser li l-lenti li trid tuza din il-qorti huwa sabiex tiddetermina jekk is-soċjetà attriċi, għalkemm registrata l-Ingilterra setgħetx tressaq il-kaz tagħha quddiem din il-Qorti.

Huwa principju ben aċċettat illi l-eċċezzjoni ta ġurisdizzjoni tingħata interpretazzjoni pjuttost ristretta. L-artikolu 742 tal-Kap 12 jitkellem dwar il-persuni li jaqgħu taht il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi kif gej :

***"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija :***

***(a) cittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju tagħhom band'ohra;***

***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta;***

***(c) kull persuna, f`kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f`Malta;***

***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***

(e) ***kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***

(f) ***kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f`Malta;***

(g) ***kull persuna li tkun b'mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti."***

Kull wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu preċitat huwa alternattiv għas-subinċiżi l-oħra u għalhekk imqar jekk jkunu sodisfatti l-elementi ta' subinċiż wieħed, allura jkun bizzejjed biex jiġi dikjarat li l-qorti għandha ġurisdizzjoni[1].

Din il-Qorti fliet b'attenzjoni dan l-artikolu. Skont is-subinċiż (ċ) il-qorti jkollha ġurisdizzjoni jekk jissussistu ż-żewġ elementi li ġejjin:

i) Jkun hemm persuna;

ii) Il-kawża hija dwar ħwejjeġ li jinsabu jew qegħdin Malta.

Issa mill-atti jirriżulta li s-soċjetà attriċi hija persuna ġuridika. Huwa minnu li din is-soċjetà ġiet xolta fl-Ingilterra fl-4 ta' Gunju, 2019 però jirriżulta wkoll li din reġgħet ġiet imqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-13 ta' Frar, 2020 bil-għan li:

*i) Conduct the sale of the property known as 11, Triq id-Duluri, Marsalforn, Żebbug, Gozo, Malta referred to in paragraph 1 of the Second Witness Statement of Darren Jordan dated the 25th November 2019;*

*ii) Settle all outstanding debts to its existing creditors if any and*

*iii) Distribute the remaining proceeds from the disposal of the property (the actions) according to law.*

Il-kawża odjerna ġiet istitwita fl-10 ta' Marzu, 2020 u għalhekk wara li s-soċjetà attriċi reġgħet tpoġġiet fir-reġistru tal-Kumpaniji. Dan ifisser illi s-soċjetà attriċi llum hija persuna ġuridika u għalhekk l-ewwel element huwa sodisfatt.

Rigward it-tieni element, mill-atti li għandha quddiemha din il-qorti llum inklużi wkoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 32/2019, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 14/2020, it-tnejn allegati mal-kawża odjerna, jirriżulta illi s-soċjetà attriċi għaddejja bi proċeduri kontra s-soċjetà konvenuta dwar propjetà li tinsab f'Marsalforn, limiti taż-

[1] Catherine Galea vs Raymond Galea, deċiża 27 ta' Frar, 2015.

Żebbug, Għawdex. Jirriżulta wkoll li l-partijiet fil-kawża odjerna ffirmaw konvenju fit-23 ta' Settembru, 2017, liema konvenju huwa l-bażi tal-kawża odjerna.

Il-Qorti tqis li b'dawn il-fatti l-kriterji ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti huma sodisfatti ġià la darba jirriżulta li s-soċjetà attriċi għaddejja b'kawża dwar ħwejjeġ li jinsabu Malta. Irid jingħad illi sa mis-sena 1884[2] kien ġie osservat illi:-

*"la parola "cosa" nel suo più ampio significato e` tutto ciò che ha un valore di scambio, e, per essere più comprensivo, la legge si è riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un avviamento , un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili".*

Mhux hekk biss iżda l-qrati Maltin ma illimitawx l-applikazzjoni tal-paragrafu (ċ) għall-immobbli biss iżda l-applikazzjoni tiegħu ġiet estiża sabiex tinkludi wkoll mobbli. Hekk pereżempju l-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza fil-kawża **Manduca noe v. Chetcuti noe**[3] kienet irrimarkat illi għalkemm il-mottiv tal-ġurisdizzjoni skont il-paragrafu (ċ) huwa applikabbli l-aktar meta l-oġġett tal-kawża jkun immobbli sitwat ġo Malta, jista' jkun il-każ ukoll ta' mobbli, iżda jeħtieġ li dak l-oġġett li jkun jinsab Malta jkun "innifsu l-mertu tal-kawża".

Għalhekk hija l-fehma meqjusa ta din il-Qorti li hija għandha ġurisdizzjoni u dana skont l-Art 742(1)(ċ) tal-Kap 12.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet u motivi ġià espressi, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta billi tiċħadha u tiddikjara illi Hija għandha ġurisdizzjoni biex tisma'u tiddeċiedi din il-kawża u għalhekk tordna il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża quddiemha.

L-ispejjeż ta'dan il-provvediment jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina

[2] Scicluna vs Carbone, deċiża 29 ta' Novembru, 1884, Qorti tal-Kummerċ
[3] Deċiża 25 ta' Frar, 1993

D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur